## IN-NUMRU 16

*M'għandiex aktar minn sbatax. Fl-aħjar tagħha*
*'Ma wiċċha sfajjar jixbed it-tbatija*
*Li fnietha, u fil-qabar ser titfagħha.*
*Imsejkna tfajla! Il-mard hu xortijha;*
*Minn jum għall-ieħor tistenna bis-sabar*
*Li tkun aħjar, tamietha fil-fejqan.*
*It-tobba jafu li minn hawn għall-qabar*
*Fejn hemm fil-kesħa tista' ssib is-serħan.*
*Sħabba t-tfajliet joħolmu bit-tgawdija,*
*Moħħhom fiċ-ċajt, insew li ż-żogħżija*
*Tbaqbaq bis-saħħa u b'imħabba qawwija,*
*Għandha l-mard tagħha, il-hemm u t-tbatija.*
*Hemm fis-sodda sittax qalbha maqsuma*
*Tara ż-żgħożija b'salibha maħkuma.*

J. CAMILLERI